



Kumitat għall-Baġits

2024/0044(BUD)

26.3.2024

EMENDI

1 - 4

Abbozz ta' rapport
Janusz Lewandowski
(PE759.752v01-00)

Mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni
għall-Ħaddiema Ssensjati wara applikazzjoni mid-Danimarka – EGF/2023/004
DK/Danish Crown - Danimarka
((2024/0044(BUD))

Emenda 1
Eric Minardi, Joachim Kuhs

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa I

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

I. billi l-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-FEG għandhom ikunu diretti prinċipalment lejn miżuri ta' politika **attivi** tas-suq tax-xogħol u servizzi personalizzati li jkollhom l-għan li jintegraw mill-ġdid u malajr lill-benefiċjarji f'impjieġ deċenti u sostenibbli fi ħdan is-settur ta' attività inizjali tagħhom jew barra minnu, filwaqt li jħejjuhom għal ekonomija Ewropea **aktar ekoloġika u** aktar diġitali;

Emenda

I. billi l-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-FEG għandhom ikunu diretti prinċipalment lejn miżuri ta' politika **attiva** tas-suq tax-xogħol u servizzi personalizzati li jkollhom l-għan li jintegraw mill-ġdid u malajr lill-benefiċjarji f'impjieġ deċenti u sostenibbli fi ħdan is-settur ta' attività inizjali tagħhom jew barra minnu, filwaqt li jħejjuhom għal ekonomija Ewropea aktar diġitali;

Or. en

Emenda 2
Janusz Lewandowski

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa J

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

J. billi r-reviżjoni tal-QFP tnaqqas l-ammont annwali massimu tal-FEG minn EUR 186 miljun għal EUR 30 miljun (fi prezzijiet tal-2018), kif stabbilit fl-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 kif emendat bir-Regolament (UE, Euratom) 2024/765; billi ***l-istituzzjonijiet kollha jehntieg li jiżguraw li, minkejja dan it-tnaqqis, il-ħaddiema li ngħataw is-sensja jistgħu jiddependu mis-solidarjetà tal-UE permezz tal-appoġġ tal-FEG;***

Emenda

J. billi r-reviżjoni tal-QFP tnaqqas l-ammont annwali massimu tal-FEG minn EUR 186 miljun għal EUR 30 miljun (fi prezzijiet tal-2018), kif stabbilit fl-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 kif emendat bir-Regolament (UE, Euratom) 2024/765; billi ***l-Kummissjoni għandha timmonitorja l-implimentazzjoni tal-FEG u tieħu kwalunkwe miżura meħtieġa biex tiżgura li t-talbiet ġustifikati kollha għal appoġġ mill-FEG ikunu jistgħu jiġu ssodisfati;***

Or. en

Emenda 3

Monika Vana, Rasmus Andresen

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

6a. jieħu nota li waħda mis-sejbiet tal-analiżi sottostanti, użata biex jiġfessal il-pakkett ta' miżuri li għandu jiġi offrut lill-ex ħaddiema ta' Danish Crown, kienet li hemm nuqqas ta' ħaddiema kwalifikati fil-qasam tekniku (it-tranżizzjoni ekoloġika) u fl-oqsma tal-kura, tas-saħħa u tal-pedagoġija (il-protezzjoni soċjali) fil-Jutland tat-Tramuntana; itenni r-rwol importanti li l-Unjoni għandu jkollha biex tipprova l-kwalifiki meħtieġa għat-tranżizzjoni ġusta f'konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-importanza li l-ħaddiema jitħejjew għal ekonomija Ewropea ekoloġika, soċjali u diġitali;

Or. en

Emenda 4

Monika Vana, Rasmus Andresen

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

10. Itenni li l-assistenza mill-FEG ma tridx tissostitwixxi azzjonijiet li huma r-responsabbiltà ta' kumpaniji, bis-saħħa tal-leġiżlazzjoni nazzjonali jew tal-ftehimiet kollettivi;

10. Itenni li l-assistenza mill-FEG ma tridx tissostitwixxi azzjonijiet li huma r-responsabbiltà ta' kumpaniji, bis-saħħa tal-leġiżlazzjoni nazzjonali jew tal-ftehimiet kollettivi, **jew kwalunkwe allowance jew dritt tal-ħaddiema ssensjati, biex tiġi żgurata l-addizzjonalità sħiħa tal-allokkazzjoni;**

Or. en

